31994D0048

L 25/21 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 29.1.1994

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## ta' l-20 ta' Diċembru 1993
## dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Miżjud mal-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, fuq naħa waħda, u r-Rumanija, fuq in-naħa l-oħra, u mal-Ftehim ta' l-Ewropa bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Rumanija, fuq in-naħa l-oħra

(94/48/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 flimkien ma' l-Artikolu 228(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li saru f'Copenhagen fil-21 u fit-22 ta' Ġunju 1993,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunitajiet Protokoll Miżjud mal-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ u mal-Ftehim ta' l-Ewropa mar-Rumanija;

Billi hu neċessarju li jiġi approvat dan il-Protokoll Miżjud,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll Miżjud mal-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, fuq naħa waħda, u r-Rumanija, fuq in-naħa l-oħra, u mal-Ftehim ta' l-Ewropa bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Rumanija, fuq in-naħa l-oħra, hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Protokoll Miżjud hu anness ma' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna bil-poter li tiffirma l-Protokoll Miżjud f'isem il-Komunità Ewropea.

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifikazzjoni prevista fl-Artikolu 8 tal-Protokoll Miżjud f'isem il-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1993.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

W. CLAES